**- DANNI U RESPONSABILITA' -**

**- ONERU TA' PROVA FUQ MIN JALLEGA -**

**- NUQQAS TA' KORROBORAZZJONI -**

**- HSARA IKKAWZATA F'*CABLE* TAL-ELETRRIKU -**

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Erbgha 4 ta' Lulju, 2001**

**Kawza Numru: 21**
**Citazzjoni Numru: 524/96/RCP**

**Joseph Attard ghan-nom u in rapprezentanza tal-Korporazzjoni Enemalta**

**vs**

**Carmel Mizzi u Anne Bonnici ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` Chasauto Limited**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 2 fejn gie premess:-

Illi l-konvenut fis-26 ta' Frar 1993 waqt li kien qed jaghmel xi xogholijiet f'Hal-Far, laqat u ghamel hsara f'*cable* proprjeta' ta' l-attur noe, liema hsarat graw unikament minhabba imperizja u traskuragini da parte tal-istess konvenuti nomine.

Illi d-danni sofferti mill-Korporazzjoni attrici bhala rizultat tal-incident fuq imsemmi jammontaw ghal disa mija u disa' u sittin lira u tmienja u hamsin centezmu (Lm969.58)

Illi l-konvenuti nomine gew interpellati sabiex ihalsu din is-somma izda baqghu inadempjenti.

L-attur nomine talab li l-konvenuti nomine jghidu ghaliex din il-Qorti m' ghandiex:

(1) tiddikjarah unikament responsabbli ghall-hsarat sofferti mill-attur noe fis-26 ta' Frar 1993 f'*Cable* propjeta' ta' l-attur noe, li jinsab f'Hal-Far, liema hsarat graw unikament minhabba imperizja u traskuragini da parte tal-konvenuti nomine.

(2) tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi nomine s-somma ta' disa' mija u disa' u sittin lira u tmienja u hamsin centezmu (Lm969.58) in linea ta' danni sofferti mill-attur

noe bhala konsegwenza tal-hsarat kawzati fl-imsemmija *Cable*.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' Lulju 1994 u bl-interessi mid-data ta' l-istess ittra ufficjali bis-subizzjoni tal-konvenuti nomine.

Rat id-dikjarazzjoni attrici u l-lista tax-xhieda a fol 4 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Carmel Mizzi et noe fejn gie eccepit:

1. Illi mhux minnu illi huwa ghamel xi hsara b'*cable* proprieta` tas-socjeta` attrici;

2. Illi huwa mhux responsabbli ghad-danni konsegwenzjali li sofriet is-socjeta` attrici;

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat il-verbali tas-26 ta' Settembru 1996, tad-9 ta' Dicembru 1996 fejn il-Qorti ordnat lill-konvenuti biex jipprezentaw dikjarazzjoni guramentata li tkun fit-termini tal-Artikolu 158 (4) tal-Kap 12, tat-23 ta' Mejju 1997, tat-30 ta' Gunju 1997 fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 158 (4) tal-Kap 12 ordnat l-isfilz tad-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenuti nomine; tas-7 ta' Jannar 1998 fejn Dr Stefan Meilak ghall-attur nomine talab korrezzjoni fic-citazzjoni u fid-dikjarazzjoni

billi kull fejn tirrikorri l-kelma “konvenut” din tigi sostitwita bil-kliem “konvenuti nomine”, il-Qorti laqghet it-talba, Dr Galea ghall-konvenuti nomine talab lill-Qorti taghtih zmien biex jipproduci dikjarazzjoni guramentata li tkun fit-termini tal-Artikolu 158 (4) tal-Kap 12 u dan sat-18 ta’ Frar 1998; tat-18 ta’ Frar 1998, tat-22 ta’ April 1998, tat-2 t’Ottubru 1998 fejn il-Qorti nnominat lill-Perit Tekniku AIC Joseph Ellul Vincenti biex jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, tat-9 ta’ Marzu 1999, tal-15 ta’ Ottubru 1999, tal-25 ta’ Frar 2000, tas-27 ta’ Marzu 2000, tad-9 ta’ Gunju 2000, tal-12 ta’ Novembru 2000 fejn din il-kawza bdiet tigi mismuha minn din il-Qorti kif prezentament ippresjeduta, tas-6 ta’ Frar 2001, tat-28 ta’ Frar 2001 fejn il-Perit Ellul Vincenti halef ir-rapport, u tas-17 ta’ Mejju 2001 fejn Dr Stephan Meilak tratta l-kaz u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-4 ta’ Lulju 2001.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

### (A) L-AZZJONI ATTRICI.

Illi din il-kawza titratta dwar azzjoni da parte tas-socjeta’ attrici fejn l-istess qed tallega li s-socjeta’ konvenuta waqt li kienet qed taghmel xoghol f’Hal-Far b’negligenza ghamlet hsara f’*cable* u ikkagunat danni fl-ammont ta’ Lm969.58.

(B) PROVI PRODOTTI.

Illi mix-xhieda prodotta mill-attur jirrizulta li **Lawrence Zammit**, *senior technical officer* tas-socjeta' attrici sostna li fis-26 ta' Frar 1993 kellu rapport li l-konsumaturi ma kellhomx dawl, u mar fuq il-post u sab li kien hemm kuntrattur ihaffer hdejn Chausato Limited u li kien laqat *high tension cable* u li kien qed ihaffar ghas-socjeta' konvenuta, waqqfuh u ivverifika li ma kien intalab ebda permess sabiex isir thaffir fejn fil-fatt sar; il-*cable* milqut kien taht it-triq u kien sar rapport lill-PS 727 l-ghassa ta' Zurrieq u Birzebbuga. Wara kien sar rapport iehor l-ghassa taz-Zurrieq peress li it-thaffir kien kompla.

Illi is-**Surgent PS 727 Joe Muscat** sostna li ma kien hemm ebda rapport f'dik id-data pero` ftakar li kien hemm incident fejn Chausato Limited, fejn Charles Mizzi kien iffirma dikjarazzjoni li kien ser jaghmel tajjeb ghall-hsara ikkagunata fl-istess *cable*, pero` ma kienx cert jekk dan kienx l-incident mertu tal-kawza odjerna.

Illi l-**Enginier Carmel Xerri** sostna li darba kien ghaddej hdejn is-socjeta' konvenuta, ra li kien qed isir xoghol ta' bini u qal lill-Lawrence Zammit sabiex ikellem lill-kuntrattur, iwaqqfu u jaghmel rapport l-ghassa ghaliex ma kienx hemm permessi sabiex isir thaffir.

Illi **l-konvenut** sostna li huwa ma kellu x'jaqsam xejn mal-incident mertu tal-kwistjoni odjerna, kif lanqas kellha

x'taqsam is-socjeta' minnu rappresentata. Sostna li qabel sew id-data fuq indikata kien qed jaghmel xoghol iehor mad-ditta tieghu u intlaqat *cable*, accetta r-responsabilita' tal-incident u fil-fatt hallsu tal-hsara.

Illi huwa kompla jghid li meta sar l-incident veru li kien qed jaghmel xi xoghol pero` dan kien biss ta' bini fis-site tieghu u fejn intlaqat il-*cable* ma kellux xoghol. Il-*cable* kien xi tlett metri l-isfel u it-trinka haffruha tal-Enemalta. Qal li sar jaf bl-incident ghaliex kellmuh tal-Enemalta, pero` l-Pulizija qatt ma kellmuh.

Illi fil-fatt fis-seduta tal-14 ta' Frar 2000 huwa esebixxa pjanta fejn immarka bl-ittra XX fejn kien intlaqat il-*cable* li s-socjeta' konvenuta kienet hallset ghalih, u bl-ittra SS il-*cable* li ma intlaqatx minnu mertu tal-kawza odjerna. Ma ftakarx li l-impjegati tal-Enemalta qalulu biex ma jkomplix ihaffer.

Illi **Saviour Decelis** ipprezenta rapport li sar fit-22 ta' Lulju 1993 dwar l-incident mertu tal-kawza odjerna li sar fis-26 ta' Frar 1993.

Illi mid-dokumenti esebiti jirrizulta li hemm bhala Dok. "JEV 2" rapport datat 28 ta' Lulju 1993 a fol 96 tal-process fejn inghad li kuntrattur imqabbad minn Chas. Limited Hal-Far laqat l-istess *cable* fis-26 ta' Frar 1993 u sar rapport l-ghassa ma P.S. 727 iz-Zurrieq/Birzebbuga; pjanta Dok. "CM1" a fol. 97 tal-process fejn l-konvenut indika fejn

intlaqat il-*cable* konness mal-incident ta' Awissu 1993, u fejn kien il-*cable* li intlaqat fid-data mertu tal-kaz odjern, li ma intlaqatx minnu; gie esebit ukoll Dok. "CM 2 " u Dok. "CM 7" a fol. 98 u 103 tal-process fejn jirrizulta li l-konvenut ghan-nom ta' Chas Limited iddikjara li ser jaghmel tajjeb ghall-hsara fil-*cable* fid-19 ta' Awissu 1993; giet esebita wkoll tahrika ghall-kawza kriminali kontra l-konvenut dwar il-hsara fil-*cable* li grat fit-18 ta' Awissu 1993 esebita bhala Dok. "CM 3" u ricevuta favur is-socjeta' Chas. Limited datata 6 ta' Lulju 1994 bhala Dok. "CM 4";

Illi abbazi ta' din ix-xhieda il-**Perit Tekniku Arch. Joseph Ellul Vincenti** irrelata fir-rapport tieghu a fol. 43 tal-process li *"l-atturi ma gabu l-ebda prova li turi li kien il-konvenut jew nies imqabbda minnha li ghamlu l-hsara fil-'high voltage cable"* u *"ihoss li l-atturi ma resqu ebda prova li turi b'certezza li l-konvenut kien b'xi mod responsabbli ghal-hsara li saret fil-'high voltage cables' tal-Enemalta fis-26 ta' Frar 1993"*

(C) APPREZZAMENT TAL-PROVI.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li kien hemm zewgt' incidenti f'dawk l-inhawi Hal-Far fejn inlaqtu *cable*s tal-Enemalta waqt li kien qed issir xoghol tat-thaffir u cioe` l-ewwel wiehed tas-26 ta' Frar 1993, mertu ta' din il-kawza, fejn intlaqat *'high voltage cable'* fil-punt indikat bhala "SS" fil-pjanta esebita bhala Dok. "CM 1" a fol. 97 tal-process, u *cable* iehor li intlaqat fit-18 ta' Awissu 1993, li ma ghandu

x'jaqsam xejn mal-kawza odjerna, u li s-socjeta' konvenuta ammettiet ir-responsabilita' tal-hsara tieghu u fil-fatt hallset ghall-istess hsara skond ma jirrizulta mir-ricevuta mahruga mis-socjeta' konvenuta datata 6 ta' Lulju 1994.

Illi ghalhekk, la darba it-talbiet attrici dwar l-incident tas-26 ta' Frar 1993 huma kontestati mill-konvenut, huwa oneru tal-istess socjeta' attrici sabiex tipprova l-allegazzjoni taghha, u dan in omagg tal-principju li min jallega fatt ghandu l-obbligu li jippruvah, u tali prova tista' issir permezz ta' korroborazzjoni, u provi ohra dokumentarji li jsostnu it-tezi attrici u anke permezz ta' verosimiljanza.

Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti, din il-prova is-socjeta' attrici naqset li taghmilha u dan stante li l-unika prova li ingabet mill-istess socjeta' kienet ix-xhieda ta' Lawrence Zammit, *Senior Technical Officer* mal-Enemalta li sostna li kien sab kuntrattur jahdem hdejn il-fabbrika tas-socjeta' konvenuta li qallu li kien laqat il-*cable* u dan qallu li kien qed jahdem ghas-socjeta' konvenuta, u wkoll li dwar dan il-kaz kien ghamel rapport l-ghasses taz-Zurrieq u Birzebbuga ma P.S. 727, u wara flimkien mal-Inginier Xerri kienu qallu lill-kuntrattur biex ma jkomplix jahdem stante li ma kellu ebda permess ghat-thaffir, pero` lill-konvenut Mizzi qatt ma kellmu.

Illi din ix-xhieda tal-istess Lawrence Zammit mhux biss ma hijiex korroborata izda hija bi prova ohra kontradetta u wkoll mankanti minn dettalji necessarji sabiex iwasslu lill-

gudikant jaccetta fil-grad li trid il-ligi, l-versjoni tas-socjeta' attrici, u dan ghaliex :-

(1) Fl-ewwel lok mill-istess xhieda l-istess Lawrence Zammit naqas li jindika min kien il-kuntrattur li qallu li laqat il-*cable* u li kien qed jahdem fuq inkarigu tas-socjeta' konvenuta; mhux biss izda l-istess kuntrattur lanqas ingieb bhala xhud f'din il-kawza u ghalhekk hemm nieqes in-ness ta' kuntatt bejn l-istess kuntrattur injot u s-socjeta' konvenuta.

(2) Fit-tieni lok mix-xhieda tas-Surgent P.S. 727 Joe Muscat jirrizulta li fid-data indikata fic-citazzjoni attrici ma irrizulta li sar ebda rapport fuq l-incident *de quo,* ghalkemm kien jaf b'incident fejn il-konvenut kien ghamel dikjarazzjoni li ser ihallas ghall-ispejjez ta' *cable* li kien laqat; fil-fatt jirrizulta mid-dikjarazzjoni tal-konvenut iffirmata minnu quddiem l-istess surgent, li x-xhud kien qed jirreferi ghat-tieni kaz tat-18 ta' Awissu 1993, tant li id-dikjarazzjoni saret mill-konvenut fid-19 ta' Awissu 1993, u l-hsara thallset fis-6 ta' Lulju 1994, kollox kif jirrizulta mid-dokumenti esebiti u fuq indikati.

Illi mela allura it-tezi li l-istess xhud ghamel rapport l-ghassa fl-incident *de quo* ma gietx sostnuta, anzi mix-xhieda tal-istess Surgent jirrizulta li ma kien hemm ebda rapport, u d-dikjarazzjoni ta' ammissjoni tar-responsabilita' saret dwar kaz iehor u certament mhux dak mertu tal-kawza odjerna.

(3) Illi fit-tielet lok jirrizulta wkoll li l-istess Lawrence Zammit ghalkemm sostna li ghamel rapport mill-ewwel dwar l-incident odjern, mill-provi jirrizulta li l-unika rapport li sar minnu lis-socjeta' attrici stess huwa dak datat 28 ta' Lulju 1993, u cioe` hames (5) xhur wara l-incident in kwistjoni, u dan nonostante l-fatt li fl-istess rapport, esebit bhala Dok. "JEV 2" a fol. 96 tal-process, hemm indikat li *"immediate measures were taken and a report was given to P.S. 727 at Zurrieq/Birzebbuga".* M'hemmx ghalfejn jigi ripetut li l-istess Surgent innega li fil-fatt sar xi rapport dwar il-kaz odjern.

(4) Illi l-unika tahrika f'sede kriminali li inharget kontra l-konvenut, u dan f'ismu personali kienet dik tas-7 ta' Mejju 1994 relattiva ghall-hsara li grat fit-18 ta' Awissu 1993 (Dok. "CM 3") u ma inharget l-ebda tahrika ghall-incident tas-26 ta' Frar 1993, u dan ikompli jimmilita kontra l-versjoni attrici, ghaliex la darba l-istess socjeta' attrici sostniet li dwar il-kaz in kwistjoni l-kuntrattur u/jew il-konvenut ma kellhomx permess biex ihaffru u la darba ma tezistix dikjarazzjoni da parte tal-istess persuni li ser jaghmlu tajjeb ghall-hsara proprjeta' tal-gvern/korporazzjoni attrici, wiehed kien jippretendi li dan il-kaz kellu jigi processat mill-pulizija sabiex jittiehdu passi kontra l-istess socjeta' konvenuta u/jew il-kuntrattur taghha, haga li assolutament ma jirrizultax li saret fil-konfront tas-socjeta' konvenuta mill-provi prodotti.

Illi din il-mankanza fiha nnfisha tikkonferma it-tezi u x-xhieda tas-Surgent P.S. 727 Joseph Muscat li dwar dan l-incident lanqas biss sar rapport lilu jew l-ghassa ghaliex mir-*records* ma sab xejn, u ftakar biss incident wiehed li mill-provi jirrizulta car li ma kienx dak tal-mertu odjern, izda dak tat-18 ta' Awissu 1993.

Illi min-naha l-ohra x-xhieda tal-konvenut Carmel Mizzi hija wahda konsistenti u kkoroborata kemm mix-xhieda tas-Surgent u kemm mid-dokumenti minnu esebiti minn fejn jirrizulta konkludentement li l-istess konvenut ammetta ir-responsabilita' ghall-hsarat li saru fit-18 ta' Awissu 1993, tant li anke li wara li saru proceduri kriminali kontrih, huwa hallas l-istess hsara fis-6 ta' Lulju 1994, mentri dwar l-incident *de quo* huwa sostna li qatt ma gie avvicinat la mis-socjeta' attrici jew impjegati taghha hlief biex isaqsuh jekk kienx qed jaghmel xoghol bil-gaffa li huwa innega u lanqas mill-pulizija. Fil-fatt dwar l-ahhar dettalji ta' fatti ma hemm ebda prova fil-process li tikkontradixxi dan, anzi jirrizulta ikkonfermat li hadd mill-impjegati tas-socjeta' attrici ma avvicinah u lanqas huwa ma ghamel ebda dikjarazzjoni fir-rigward tal-mertu tal-kawza odjerna.

Illi anzi jirrizulta wkoll li meta sar l-incident huwa kien qed jaghmel xoghol ta' bini fil-fabbrika tieghu u skond il-pjanta esebita minnu jirrizulta li l-*boundary wall* tieghu huwa iktar il-gewwa mir-*route tal-cable* u ghalhekk l-incident sar il-barra mill-proprjeta' tieghu.

Illi ghalhekk abbazi ta' dak li inghad iktar il-fuq, din il-Qorti tikkonferma ir-rizultanzi tal-istess perit tekniku dwar il-kaz odjern, u taqbel mal-konkluzzjoni hemm indikata fl-istess rapport peritali, u ghalhekk l-unika konkluzzjoni plawsibbli f'dan il-kaz, hija li s-socjeta' attrici ma rnexxilhiex tipprova l-allegazzjonijiet taghha fil-konfront tas-socjeta' konvenuta u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda.

## III. KONKLUZZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta, **tichad it-talbiet attrici bhala infondati fil-fatt u fid-dritt** peress li bl-ebda mod ma gew ippruvati fil-konfront tas-socjeta' konvenuta.

Bl-ispejjez kollha kontra l-istess socjeta' attrici.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**4 ta' Lulju, 2001.**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**4 ta' Lulju, 2001.**